# Kunsill Lokali l-Gudja

## Somarju dwar Pjan ta' Ħidma

### Jannar 2017 sa Diċembru 2019

Il-Kunsill jaħdem u jiffunzjona f'diversi dekasteri sabiex joffri ġejjieni aħjar u juri direzzjoni għall-progress kemm ta' ġid komuni kif ukoll ġid personali. Ix-xogħol tal-Kunsill għalhekk huwa kontinwu u bla limitu iżda jsir qrib in-nies kif ukoll man-nies tal-Gudja. Il-Kunsill jara li jaqdi u jissodisfa l-ħtiġijiet tal-komunità u b'mod effettiv u effiċjenti. Dan jeħtieġ ukoll il-parteċipazzjoni pożittiva u koperazzjoni ta' diversi entitajiet konċernati.

Dan il-pjan huwa għalhekk mibni fuq dawn il-kapi ta' ħidma:

1. Infrastruttura – xogħol ta' toroq, bankini, u passaġġi urbani u mhux urbani

2. Protezzjoni u tisbiħ tal-qalba tar-raħal

3. Protezzjoni u aċċessibilità tal-kampanja

4. Ħarsien soċjali, sigurtà personali u kollettiva speċjalment fil-qasam ta' anzjanità attiva u kreattiva

5. Neqirdu l'illitteriżmu u nkomplu nikkoraġixxu l-qari

Kunsill Lokali – Il-Gudja - Local Council
88, Triq Raymond Caruana, Il-Gudja
Tel: 21672020; Fax: 21664646; email: gudja.lc@gov.mt
Sindku: JM Calleja; Viċi-Sindku: R. Baldacchino; Kunsilliera: MA Sammut, D. Grech, S. Caruana

6. Sussidjarjetà bil-għan ewlieni li juri ċar li d-deċiżjonijiet tal-Kunsill jittieħdu qrib r-residenti għall-benefiċċju komuni tal-istess residenti

7. Relazzjoni tal-Kunsill mal-Parroċċa, mal-awtoritajiet, mal-għaqdiet u soċjetajiet tal-Gudja u l-volontarjat
(fl-oqsma kollha kull fejn jinsabu)

8. Inkunu għassiesa tal-ambjent fid-diversi oqsma tiegħu

9. Nippromwovu s-saħħa fiżika u dik mentali qalb il-komunità

10. Sports għal kulħadd u l-provediment ta' spazji fejn jistgħu jiġu organizzati attivitajiet ta' eżerċizzju fiżiku

11. Inkomplu naħdmu sabiex nagħmlu l-Gudja post li joffri kultura, storja u arti. Dan iġib interess turistiku kemm lokali kif ukoll għat-turisti barranin li jiġu jżuru gżiritna u li jġib ġid kemm soċjali kif ukoll finanzjarju għall-Gudja

12. Konfini ċari u bla ekwivoku speċjalment sabiex juru li l-Ajruport Internazzjonali ta' Malta jinsab fil-Gudja.

13. Il-Kunsill jaħdem pożittivament sabiex filwaqt iħares l-ambjent u l-karatteristiċi tal-Gudja jkun proattiv u pożittiv f'diversi oqsma sabiex jikseb il-ġid b'risq il-Gudja u l-Gudjani

14. Faċiltajiet rikreattivi u ġonna siguri għal kulħadd (tfal, żgħażagħ, adulti u anzjani)

It-tqassim tal-finanzjament tal-Kunsill kif rifless fil-baġit għas-sena 2017 li qed jiġi għal konsiderazzjoni u approvazzjoni tal-laqgħa pubblika annwali tal-lum 20 ta' Jannar 2017, juri l-istrateġija li jista' jsegwi l-Kunsill f'dawn l-oqsma. Il-Kunsill qed ukoll jesplora kull possibilità oħra sabiex jinkiseb il-progress komuni mingħajr ma jinvolvi l-finanzjament mill-Kunsill.

Joseph M. Formosa
f/Aġent Segretarju Eżekuttiv

John-Mary Calleja
Sindku